**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR JEAN PAUL GRECH**
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru 2022**

Kawża Numru: 23/2022 (JPG)

**John Azzopardi (K.I. 11062G) u**
**Maria Azzopardi (K.I. 28668G)**

**vs**

**Abraham Supplies Co.Ltd**

- **Preliminari**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba tal-atturi ipprezentat fit-2 ta' Awwissu 2022 fejn l-atturi konjuġi Azzopardi ippremettew s-segwenti: -

*"Illi s-socjeta' konvenuta Abraham's Supplies Co. Ltd. hija debitrici tal-atturi fl-ammont ta' disa' mija u seba' u tmenin ewro u disghin centezmi (€987.90) prezz ta' diversi konsenji ta' prodotti tal-helu li gew mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta fuq ordnijiet taghha.*

*Tghid is-socjeta' konvenuta prevja d-dikjarazzjoni li hija dovuta lill-atturi s-somma fuq imsemmija, l-ghaliex m'ghandhiex tigi kkundannata minn dan it-Tribunal li thallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u seba' u tmenin ewro u disghin centezmi (€987.90), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull konsenja sal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali numru 34/2022 tad-29 ta' Marzu 2022, li saret ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12.*

*Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hi mharrka."*

Is-socjeta intimata minkejja li ġiet debitament notifikata bl-avviz tat-talba baqgħet ma ipprezentat l-ebda risposta entro t-terminu mogħti lilha. Ir-rapprezentanti tal-istess socjeta intimata lanqas ma dehru għas-smiegħ tal-kawza minkejja li kienu ġew debitament notifikati bl-avviz tat-talba.

Ra l-atti kollha tal-proċess;

- ***Kunsiderazzjonijiet Fattwali***

Ikkunsidra

Fis-seduta tad-disgħa (9) ta' Novembru 2022 il-legali tal-atturi iddikjara li dik il-ġimgħa stess l-atturi kienu rcievew il-ħlas tas-sorte kollu dovut lilhom. Fis-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2022, il-legali tal-istess atturi ipprovda d-dettalji tac-cekkijiet li permezz tagħhom kien sar il-ħlas inkluz wkoll tan-numri tal-kontijiet minn fejn sar il-ħlas. In vista tad-dikjarazzjoni tal-istess legali tal-atturi li l-atturi rcivew il-ħlas tas-sorte dovut lilhom, il-mertu ta' din it-talba illum jinsab ezawrit u għalhekk it-Tribunal sejjer jastjeni milli jieħu konjizzjoni tiegħu.

Jonqos biss għalhekk li jiġu decizi t-talba tal-atturi għall-ħlas tal-imgħaxxijiet legali u l-ispejjez ta' din l-istanza, liema imgħaxxijiet u spejjez l-atturi qegħdin jinsistu għalihom u dan skont kif jirrizulta mill-verbal tal-legali tagħhom tad-disgħa (9) ta' Novembru 2022.

Mill-atti jirrizulta li qabel l-atturi ipprocedew b'din l-istanza, huma kienu intavolaw ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ittra datata disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2022. Din l-ittra kienet ġiet kontestata mis-socjeta konvenuta b'nota prezentata fit-tmienaj (8) ta' April 2022. Fin-nota ta' kontestazzjoni tagħha s-socjeta konvenuta kienet iddikjarat mingħajr ebda esitazzjoni **<u>li l-ebda ammont ma kien dovut</u>** lilha lill-atturi konjuġi Azzopardi. Kien għalhekk imbagħad li sussegwentement l-atturi ipprocedew b'din l-istanza.

Il-fatt li fil-mori ta' dawn il-proceduri is-socjeta konvenuta għazlet li tħallas l-intier tal-ammont reklamat mill-atturi fl-avviz tat-talba hija minnha inniffisha ammissjoni mill-aktar cara li l-ammont li kien qiegħed jiġi reklamat mill-istess atturi kien tassew dovut. Is-socjeta konvenuta ma tat l-ebda spjegazzjoni għalfejn kellha toqgħod tistenna li jsiru dawn il-proceduri quddiem dan it-Tribunal sabiex hija tħallas l-ammont li kien dovut minnha lill-atturi, aktar u aktar meta wieħed iqis li l-atturi ġia kienu interpellawha precedentement biex hija tħallas l-ammont dovut (li kien ftit anqas minn dak reklamat f'dan l-avviz tat-talba) permezz ta' ittra ufficjali u l-istess socjeta intimata irrifjutat li tagħmel dan. Għalhekk ma jistax jingħad li s-socjeta konvenuta sabet il-pretensjoni tal-atturi ma' wiccha għall-ewwel darba meta l-atturi intavolaw din il-kawza. It-

Tribunal jemmen li fic-cirkostanzi ta' kif zviluppaw l-affarijiet bejn il-kontendenti l-istess socjeta konvenuta m'għandhiex tieħu xi beneficcju minħabba tali tkarkir tas-saqajn biex isir il-ħlas. Għalhekk it-Tribunal jemmen li b'zieda mas-sorte ġia imħallas minnha lill-atturi l-istess socjeta konvenuta għandha wkoll tagħmel tajjeb għall-imgħaxxijiet dovuti kif wkoll għall-ispejjez ta' din l-istanza.

- ***<u>Decide</u>***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi:

(a) jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sorte reklamat fl-avviz tat-talba stante li s-sorte tħallas lill-atturi fl-interita tiegħu fil-mori ta' dawn il-proceduri;

(b) Jilqa' t-talba tal-atturi għall-ħlas tal-imgħaxxijiet legali mid-data ta' kull konsenja relattiva u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata sabiex hija tħallas lill-atturi tali imgħaxxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) u dan mid-data ta' kull konsenja relattiva sad-data tas-sebgħa (7) ta' Novembru 2022, cioe l-bidu tal-ġimgħa li fiha sar il-ħlas tas-sorte mis-socjeta intimata lill-atturi.

L-ispejjez tal-prezenti istanza kif wkoll l-ispejjez relattivi għall-ittra ufficjali numru 34/2022 datata disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2022 jkunu kollha a karigu tas-socjeta intimata.

(ft)Dr Jean Paul Grech LL.D.
*Ġudikatur*

(ft)Rebekah Mizzi
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Ghar-Registratur